MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 301/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. D'Anastasi)**
**Vs**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, fit-18 ta' Mejju 2002, f'Hal Qormi, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara l-ikel,**
**1) volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andrea Gatt, u dan skond kif iccertifika it-tabib Konrad Borg MD tal-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Artikli 216 tal-Kap 9;**

**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta;**
**3) fl-istess cirkostanzi indikati hawn fuq, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;**
**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmija Andrea Gatt sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;**
**5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mbotta lil Andrea Gatt fit-triq biex iweggghu jew jinsultah.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 216(1)(d), sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza bl-assorbiment tar-raba' w l-hames akkuza, w ikkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn, izda ma sabitux hati tat-tieni w it-tielet akkuza w minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Novembru, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi :

1) tikkonferma dik il-parti taghha fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-akkuzat mhux hati tat-tieni w it-tielet akkuza li minnhom illiberatu w
2) thassar, tirrevoka w tikkancella l-bqija tas-sentenza w minflok
3) jew tiddikjara illi l-appellant m'huwiex hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, jew
4) jekk din il-Qorti m'hix sodisfatta illi l-appellant ma kkawzax il-griehi ta' ferita gravi fuq Andrea Gatt, allura, tiddikjara illi l-appellant huwa hati tal-offiza ta' feriti gravi fuq Andrea Gatt pero' liema offiza hija skuzata bl-applikazzjoni tal-artikolu 230 tal-Kap. 9, u konsegwentement timmodifika l-piena nflitta skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, jew alternattivament
5) jekk din il-Qorti m'hix sodisfatta li tapplika l-iskuzanti taht l-artikolu 230 tal-Kap. 9, allura tiddikjara illi l-appellant huwa hati biss taht l-artikolu 237(c) tal-Kap. 9 u

konsegwentement timmodifika l-piena nflitta skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu jew alternattivament 6) jekk din il-Qorti ma thoss illi ghandha tilqa' xi wiehed mill-aggravji suesposti, allura, fic-cirkostanzi, takkorda piena alternattiva flok dik karcerarja.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :- 1. li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-prosekuzzjoni ma rmexxilhiex tipprova lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni illi l-akkuzat fil-fatt ikkaguna ferita ta' natura gravi kif akkuzat. Hemm il-versjoni tal-appellant u dik konfliggenti ta' Andrea Gatt u dik tal-appellant kienet kredibbli w ma kien hemm ebda prova ohra li tikkorrobora l-versjoni tal-prosekuzzjoni. 2. li, bla pregudizzju, l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi illi, se mai, kien hemm il-provokazzjoni skond l-art. 230( c ) tal-Kap.9, ghal menu sal-grad tal-probabilta'. L-glieda bdiet bl-aggressjoni ta' Andrea Gatt u l-appellant ghandu marka fuq imniehru li qala' bil-virga li kellu Andrea Gatt. 3. Li, bla pregudizzju, l-Ewwel Qorti kellha tapplika d-dispost tal-art. 237 ( c ) tal-Kap.9. li jirrigwarda glieda accidentali. 4. Li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. L-incident li ghamlet riferenza ghalih l-Ewwel Qorti kien gara xi erbatax il-sena ilu. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-fedina penali tal-appellant kienet totalment nadifa. Illi hu bidwi guvni rtirat u mhux xi kriminal li jimmerita piena ta' prigunerija.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Semghet lill-allegat vittma, Andrea Gatt, bil-gurament dwar il-feriti minnu sofferti w rat *"de visu"* il-kondizzjoni tieghu fis-seduta tal-lum ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatt maghmul mill-Ewwel Qorti fuq ix-xhieda li jinsabu traskritti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .**

**"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of***

***the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”*** **(Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “**Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”, **deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , <u>anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm</u> – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament .”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija ta’ offiza gravi fuq il-persuna li waslet ghaliha.

Ikkonsidrat;

Illi fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti , **Andrea Gatt** kien xehed li fit-18 ta’ Mejju, 2002 hu kien miexi l-Marsa u ltaqa’ mieghu l-appellant u tah daqqa. Qabel kienu ltaqghu wicc ma’ wicc u l-appellant kien ghamillu : *“Uhh”.* Hu kien warrbu w baqa’ miexi. L-appellant rega’ gie faccata tieghu w qallu : *“Ghala qed taghmilli hekk, xi darba ghamiltlek xi haga ?”* Hu kien wiegbu : *“ ’L hemm ma rriedekx izjed.*” u dan b’riferenza ghall-fatt li l-appellant kien imur il-Marsa, mbaghad imur jistrieh gor-raba tax-xhud, taht harruba, ghall-frisk. Dak il-hin ghaddiet u lill-appellant kien hallieh warajh, miexi. Mbaghad l-appellant

rega’ gie ghall-gharrieda minn wara x-xhud u tah daqqa ta’ bastun go wiccu. Sturdieh u x-xhud waqa’ fl-art. L-appellant baqa’ jatih. Hu rega’ qam. Rega’ capcaplu ohra. Hu laqghalu b’ idu (u wera lill-Ewwel Qorti kif) u qabadalu l-bastun u dak il-hin waqghu it-tnejn fl-art. Meta hu qam minn mall-art, l-appellant qam ukoll, hareg mus u qallu *“Issa b’ dan noqtlok*” u hadu go rasu (u wera lil Qorti fejn). Ix-xhud zied jghid li mbaghad kien hemm tlitt Inglizi u wiehed minnhom qabdu minn idu  w hadu w cempel l-ambulanza w haduh l-Isptar, fejn kien ghamel ghaxart ijiem. Kien esebixxa tnax il-ritratt li kien ha ibnu stess (Dok AG 1 sa AG12) u certifikat mediku (Dok AG 13). Kellu l-ghadam maqsum miz-zewg nahat u wera fejn ma jkollux sensazzjoni ghax mejjet u nofs in-nervituri ma jahdmux. Ix-xhud identifika l-injama (Dok. RD) li hu kien ha minn idejn l-appellant u wara kien hadha ghand il-Pulizija. Il-mus li kellu f’idejh l-appellant kien zghir minn dawk tal-ikel, bil-manku tal-injam isfar, bix-xafra tinghalaq go fih. Qabel dan l-incident huma kienu hbieb u jieklu w jixorbu flimkien, pero’ darba kellhom argument fuq xi patata w hu kien impedixxa lill-appellant milli jibqa’ jmur fir-raba’ tieghu. Hu dak iz-zmien (Ottubru, 2002)  kellu 66 sena.

**L-Ispettur Raymond D’ Anastasi** kien xehed li meta ra lil Andrea Gatt, dan kellu wiccu sfigurat. Esebixxa iz-zokk (Dok. RD). Gatt kien allega li kien gie msawwat b’mus u ghaslug li kien gie elevat mis-Surgent. Esebixxa w ikkonferma l-istqarrija tal-appellant.

**P.S. 160 Mario Mifsud** xehed li hu kien irceva r-rapport minnghand Dr. Conrad Borg ghal xid-9 pm. u dan  kien qallu li ghall-habta ta’ xil-5.30 pm., kien dahal l-Isptar Andrea Gatt u kellu tbengil u daqqiet ma gismu kollu. Hu allura kien mar minnufieh l-Isptar fejn kellem lil Gatt. Dan kien qallu li kien miexi fil-Marsa Sports Ground u ltaqa’ mall-appellant li ghajjru *“pufta*” u qabad jatih b’ghaslug cioe’ zokk ta’ sigra, li kien tah l-istess Gatt. Gatt kien qallu li l-appellant kien tah daqqa fuq ghajnejh il-lemenija w hu iffejntja u waqa’ mall-art u wara kien tah b’ xi mus fuq rasu. Ikkonferma li l-griehi li kellu Gatt kienu dawk kif jidhru fir-ritratti esebiti. Meta l-ghada kien kellem lill-appellant, dan kien qallu li kellu xi argument ma’ Gatt

dwar xi ghalqa w meta ltaqghu l-Marsa, kien staqsa lil Gatt jekk kienx kollox sew, peress li kien ilu ma jarah xi tlitt gimghat. Gatt kien offendieh u hu kien offendieh lura. Qal ukoll li Gatt kellu hadida f' idejh u ipprova jattakkah u hu kien hadhielu minn idejh u remiha. Wara Gatt kien qabad zokk biex jatih bih u l-appellant qal li kien hadulu minn idejh, xejjirlu daqqa bih u telaq. Kien esebixxa l-okkorrenza (Dok MM), li minnha jidher li l-*"person filing report*" kien Andrea Gatt. Grech ma hadux fuq il-post biex isibu l-hadida jew qatt gablu xi hadida

**Dottor Pierre Farrugia M. D.** xehed li hu kien ezamina lil Andrea Gatt li kien jipprezenta haematoma madwar ghajnejh tal-lemin u fuq ezami bis-*slit lamp* li tkabbrilhom l-immagni tal-ghajn, instab li kellu daqxejn brix fuq in-naha ta' barra ta' l-ghajn u emorrogija zghira fuq in-naha tal-abjad tal-ghajn. Apparti minn hekk kellu ukoll daqxejn tbengil fuq in-naha ta' barra fuq il-gilda li ddawwar l-ghajn innifisha. Mir-rapport ta' c-CT Scan irrizulta li kellu ksur fuq in-naha tal-ghadma (u wera fejn) taz-zgomatic u tas-sinuses. Dawn il-feriti kienu gravi "*permatura"* (Sic!) minnhabba l-ksur li kien hemm. Dawn il-feriti kienu kompatibbli ma *"blunt injuries".*

**Dottor Konrad Borg** ipprezenta affidavit fejn qal li Gatt kien qed isofri minn ksur tas-sinus tal-maxxilla tal-lemin u ksur tal-ghadma taz-zygoma tal-lemin , tbengil, madwar ghajnejh tal-lemin u barxa vicin ghajnejh tal-lemin. Kellu qasma ta' 3 cm fuq rasu u barxa tawwalija minn gembu tal-lemin sa dahru ta' 15 cm . Kellu ukoll barxa tawwalija fuq il-koxxa tax-xellug twila 10 cm. In-natura ta' dawn il-griehi kienet gravi, minnhabba l-ksur.

**L-Appellant** kien irrilaxxja l-istqarrija esebita (DOK. RD1) u anki xehed minn jeddu quddiem l-Ewwel Qorti.

Fl-istqarrija tieghu, l-appellant qal li xi tlittax il-gimgha qabel l-incident  hu w Gatt kienu tlewwmu fl-ghalqa ta' Gatt dwar il-mod kif kellhom isiru ir-raddi tal-patata w hu kien telaq lill-hinn. Dak in-nhar tal-incident hu kien ghaddej minn hdejn il-Marsa Sports Ground u Gatt kien niezel, gej min-naha l-ohra, w meta wasal hdejh, hu kien

qal lil Gatt : *“Aw Dri.”* Biex jara Gatt ikellmux. Fil-pront Gatt qabad joffendieh b’ kemm ghandu. Hu klien qallu : *“Ghax qed tghidli hekk?”* Gatt wiegbu li ghax hu ried igelldu ma neputieh Godwin. F’ dak il-hin Gatt qabad ixejjirlu b’ virga li kellu. Laqtu, pero’ hu kien irmexxielu johodhielu u remiha ‘l hemm, Qabdu jaghtu bl-idejn u meta spiccaw kullhadd telaq ghal rasu. It-tnejn qalghu w t-tnejn kienu taw. Hu sofra griehi f’ ghajnejh u fuq imniehru li wera lill-Ispettur, pero’ ma marx ghand tabib. Zgur li ma tahx b’ zokk u lanqas b’ mus. Hu qatt ma jkollu mus f’ idejh. Iz-zokk li urieh l-Ispettur qatt ma kien rah.

Fix-xhieda tieghu, l-appellant l-ewwel spjega dwar it-tilmina lil kellu ma’ Gatt fuq kif isiru r-raddi tal-patata fl-ghalqa ta’ Gatt xi hdax il-gimgha qabel l-incident, li bih hu kien sorpriz, ghax Gatt kien sa hansitra ser jerfa’ idejh fuqu dak in-nhar  u hu kien telaq minn hemm.

Meta mbaghad iltaqghu il-Marsa wara xi tnax jew hdax il-gimgha, hu kien qallu *“Hawn Ri”* u Gatt li kien qed ifittex il-*golf balls* bil-virga gol-haxix, dar u qallu *“Mela int?* u beda jkelklmu hazin. Hu kien qallu: :”*Ghaliex qed tkellimni hazin?”* Gatt wiegbu: *“Ghax ridt iggellidni ma Godwin.”* Hu wiegbu: *“Ridt ingelldek ma Godwin, kulljum niccajtaw?*”u kellu l-virga tal-hadid u ser ixejjirlu biha w laqtu f’ imniehru . Hu ssara ma Gatt biex johodhielu w x’ hin gibidhielu w hadhielu, waqghu gol-wied. Hu hadlu l-virga w remiha. Iletikaw naqra w Gatt qabad it-triq u telaq u qallu : *“Ara x’ ghamiltli*.” U hu wiegbu : “*Waqajt inti.”* Gatt telaq bil-mixi u hu telaq ‘l isfel ukoll. Cahad li hu kien ta lil Gatt bil-hadida jew b’ injama. Il-hadida li kien hatalfu kienet ta’ Gatt stess. L-injama esebita qatt ma kien raha. Lanqas ma kellu mus.

Meta gie muri mill-Ewwel Qorti r-ritratti tal-feriti fuq id-dokumernti AG 1 sa AG 12, l-appellant xehed li l-feriti ma kienux kif jidhru fir-ritratti. Meta l-Qorti staqsietu kif ghamilhom dawn il-griehi, wiegeb li *“Issa ma nax jien. Naf li waqa’ all right.”* Hu la kien irraporta l-ewwel incident u lanqas l-incident tal-Marsa, ghax *“Ma kienx hemm ghalfejn.”* Mistoqsi jekk jafx li l-Pulizija marret tfittex il-virga u ma sabet xejn, irrisponda : “*Fejn dan il-Marsa*?”  Baqa’

jinsisti li la kellu ghasluq u lanqas mus f' idejh minnkejja l-insistenza tal-Ewwel Qorti.

Id-difiza ipproduciet lil **Godwin Gatt**, neputi tal-allegat vittma, w dan xehed b' riferenza ghal xi incident li kellhom Gatt u l-appellant u dax-xhud qal kif kienu r-relazzjonijiet precedenti bejn Gatt u l-appellant u dwar l-incident jew ahjar tilwima li kellhom il-partijiet fl-ghalqa xi sena qabel. Dwar l-incident *de quo* ma jafx xejn ghax ma kienx prezenti

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jidher assodat li kien hemm glieda bejn Gatt u l-appellant fil-Marsa w li, bhala rizultat ta' din il-glieda, Gatt spicca l-Isptar San Luqa b' offizi ta' natura gravi filwaqt li l-appellant helisha hafif, tant li lanqas biss hass li kellu ghalfejn jirraporta l-incident lill-Pulizija. Illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu, l-appellant cahad li qatt ta lil Gatt b' xi ghaslug u sahansitra qal li l-ghaslug esebit qatt ma kien rah, meta kellmu PS Mario Mifsud, l-ghada tal-incident (kif jidher kemm mill-okkorrenza kif ukoll mix-xhieda ta' PS Mifsud innifsu) l-appellant kien qal li l-ghaslug kien f'idejn Gatt, u hu hadulhu, <u>mbaghad ta' daqqa bih lil Gatt</u>. Illi hawn l-appellant wera inkonsistenza fil-versjoni tieghu li setghet wasslet lill-Ewwel Qorti biex tara li l-versjoni tieghu ma kienetx attendibbli. Fit-tieni lok, kieku kien minnu li l-appellant kien safa' aggredit minn Gatt ghal darbtejn, l-ewwel b' virga mbaghad b' ghaslug, u li konsegwenza ta' dan spicca waqa' fil-wied, wiehed kien jistenna li jkun hu li jmur minnufieh jirraporta l-incident lill-Pulizija u mhux, qiesu ma gara xejn, u ma rraporta xejn u sahansitra kellhom jibghatu ghalih il-Pulizija, li, wara li dahlilhom ir-rapport tal-incident minn Dr. Borg tal-Isptar San Luqa, w kellmu lil Gatt u dan qalilhom x' garrab meta l-Pulizija kellmuh l-Isptar. L-istess, kieku kien hemm xi virga tal-hadid involuta, wiehed kien jistenna li l-appellant juri lill-Pulizija fejn kien remiha, wara li suppost hadha minn idejn Gatt. Wara kollox hu kien ghadu fuq saqajh u seta facilment imur ifittixha hu stess u johodha lil Pulizija, mentri Gatt kien ghadu rikoverat l-Isptar dak iz-zmien u

ma kienx possibbli ghalih li jmur jahbiha biex jghatti xi htija tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti wkoll osservat dawn il-fatturi w wassluha biex tiddeciedi li l-versjoni ta’ Andrea Gatt  hija dik li kellha aktar mis-sewwa.

Issa kif jiddisponi l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali :-

*“F’kull kaz, ix-xiehda ta’xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.”*

Ghalhekk biex titwemmen il-versjoni ta’ Gatt ma kienx hemm bzonn li jigi korroborat minn xi xhud iehor. Mill-banda l-ohra n-natura tal-feriti li garrab Gatt u l-ghaslug li hu zamm u ha mieghu w kkonsenja lil Pulizija jistghu jkunu ta’ korroborazzjoni ghall-versjoni tieghu. Illi umbaghad mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat. Jekk il-Qorti tqis versjoni aktar attendibbli minn ohra, tista’ legalment issib htija anki fejn ikun hemm dan il-konflitt fil-provi, kif indubbjament hawn f’ dan il-kaz.

Din il-Qorti ghalhekk, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha fuq riprodotti, tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal biex issib il-htija riskontrata fl-appellant u ma tarax li hemm raguni biex tiddisturba l-apprezzament ta’ fatt maghmul mill-Ewwel Qorti.

S’intendi, una volta li l-Ewwel Qorti addottat bhala l-aktar veritjiera l-versjoni ta’ Gatt, ma hemmx lok ghall-ebda difiza ta’ provokazzjoni ghaliex jigi li l-aggressjoni kienet kollha kemm hi minn-naha tal-appellant li, wara li pprova jkellem lill Gatt u dan ma tahx wicc u baqa’ sejjer, mar u lahqu minn wara u tah daqqa bl-ghaslug go wiccu w kompla jaggredieh anki meta skond Gatt hu storda bid-daqqa.

Illi anki kieku – biss ghal grazzja tal-argument - kien minnu li meta hu kellem lil Gatt, dan kien offendieh bi

kliem, dan wahdu ma jkunx f' ghajnejn il-ligi skond l-artikoli 227( c) u 230(b) u inqas u inqas taht l-artikoli 227(a) u 230(a) jammonta ghall-provokazzjoni li tiskuza l-vjolenza aggressiva fizika li segwiet da parti tal-appellant. Dan ghaliex xi ingurja li seta' kien hemm zgur li ma taqax fl-ambitu ta' offiza gravi fuq il-persuna jew xi delitt iehor kontra l-persuna suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija, kif rikjest fis-subartikolu (a) u lanqas titqies bhala skuzanti fit-termini tas-subartikolu ( c ) tal-art. 227 ghaliex, kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** "Notes on Criminal Law" (1955) (Part II) p. 263 :-

*"…there are certain other limitations which in the practice of our Courts are also usually applied. As a general rule, no words or gestures, however opprobrious or provoking, will be considered to be provocation …"*

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant qed jigu respinti w din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment, fuq il-provi li kellha, tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien ikkaguna offiza ta' natura gravi *per durata* fuq Andrea Gatt u li l-appellant ma setax, fic-cirkostanzi, jibbenefika minn xi skuzanti tal-provokazzjoni kif qed jitlob *in subsidium* .

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju, dan jidher manifestament infondat ghaliex il-koncett kollu tal-*"offesa in rissa*" inkorporat fl-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali jiccentra fuq il-fatt li fil-glieda accidentali, jkunu <u>hadu parti fiha kontra l-offiz aktar minn zewg persuni</u>, w, fl-assenza ta' aggressjoni pjanata jew premeditata mid-diversi persuni li jkunu hadu parti fiha w/jew fl-assenza ta' l-prekoncert bejnithom biex isir l-omicidju jew l-offiza ( ghalhekk l-emfasi hija fuq glieda <u>accidentali</u>), meta ma jkunx maghruf min, minn dawk li jkunu hadu parti attiva fil-glieda **KONTRA l-MAQTUL JEW L-OFFIZ,** attwalment ikun ikkaguna l-offiza jew l-omicidju, allura kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz jew il-maqtul, ikun responsabbli kriminalment, pero' s' intendi ta' reat li jgib piena inqas gravi minn dik tal-omicidju jew tal-offiza skond

il-kaz. Hu ovvju li mill-inqas iridu jkunu hadu parti attiva <u>kontra l-offiz</u> (f' dan il-kaz) mill-inqas zewg persuni, b' mod li ma jkunx jista' jinsab min minnhom kien l-awtur tal-offiza. Fi glieda biss bejn zewg persuni w cioe' l-offiz u persuna ohra, qatt ma jista' jikkonfigura ruhu dan ir-reat partikolari, li, kif jghid il-**CARRARA** ("Programma del Corso Di Diritto Penale" Parte Speciale, Vol. I S 1311 p.496), hu bazat fuq l-*"incertezza dell' autore".* Issa ma jistax ikun hemm din l-incertezza meta **kontra l-offiz** ikun ha parti biss bniedem wiehed, kif inhu l-kaz odjern. Ghalhekk dan l-aggravju li l-ewwel Qorti *"in subsidium"* imissha sabet htija ta' dan ir-reat minuri kif kontemplat fl-art. 237 ( C ) qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

**Illi dwar l-aggravju dwar il-piena jigi ribadit dak li dejjem jinghad fis-sentenzi ta' din il-Qorti w cioe' li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

Illi l-piena ghall-offiza gravi per durata li rrizultat lill-Ewwel Qorti hija dik ta' prigunerija minn tlitt xhur sa tlitt snin skond l-artikolu 216 (d) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet tirrijentra sew fil-parametri tal-ligi.

**Illi kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) kif ukoll din il-Qorti ripetutament abbraccjaw dak li jghid il-**Blackstone's Criminal Practice 2004 **:-**

***"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as***

***individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This Court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear to be heavy to individual judges' (emphasis added) . Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr. App R 74, Lord Hewart CJ stated : "…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence, there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewat CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or ' manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*** **(ara App. Krim.** "Ir-Repubbliika vs.Mario Zarb" **[15.12.2005] u ohrajn.)**

**Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti kif preseduta w kif diversament preseduta, anki kollegjalment f' appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali, li l-vjolenza kontra l-persuna ghandha , "*bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b' effett immedjat."* (Ara. App. Krim.** "Ir-Repubbliika ta' Malta vs. Noel Mizzi**" [15.12.2005] u ohrajn).**

**Ikkonsidrat;**

**Li mill-fedina penali tal-appellant li llum ghandu 51 sena, jirrizulta li hu nstab hati mill-Qrati tlitt darbiet, darba ta' *driving away* ta' karozza minghajr il-kunsens ta' sidha w reati tat-traffiku, darba ta' ricettazzjoni w evazjoni ta' dazju w gie sentenzjat ghal terminu ta' prigunerija w darba ta' offiza ta' natura gravi w garr ta' mus bla licenzja. F' din l-ahhar okkazzjoni, kien gie kundannat sena w nofs habs sospizi ghall-periodu ta' erba snin, oltre multa u ammenda. Dan kien b' sentenza tal-14 ta' Dicembru, 1992 ghal reat kommess fis-27 ta' April tal-istess sena. Ghalhekk din mhix l-ewwel darba li l-appellant infligga feriti ta' natura gravi fuq haddiehor, sia pure, kif jissottometti fir-rikors tieghu, ghadda certu zmien, kwazi ghaxar snin, bejn il-kundanna tieghu w l-kommissjoni tar-reat in dizamina.**

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-provvediment ta' sentenza sospiza ghandu jintuza b' gudizzju w b' certa cirkospezzjoni mill-Qrati w li din it-tip ta' sentenza ma ghandix tinghata ripetutament lill-istess persuni hlief f' cirkostanzi eccezzjonali. Altrimenti tkun qed isservi biex tigi stultifikata l-ligi penali tal-pajjiz, b' mod li tista anki tigi mminata serjament f' ghajnejn is-socjeta' l-kredibilita' tal-istess Qrati Kriminali li jamministrawha.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti ghamlet sew li f' dan il-kaz, fejn l-appellant diga' kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza ghall-reat ta' vjolenza meta kkaguna feriti ta' natura gravi w kellu fuqu mus minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija, erogat piena karcerarja b' effett immedjat, partikolarment meta l-vittma Andrea Gatt ghadu sal-lum isofri l-konsegwenzi tal-aggressjoni vjolenti tal-appellant. Ghalhekk ma tara li hemm ebda lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------